# KUNSILL LOKALI NADUR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

## GĦAXAR (10) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Wieħed u Għoxrin (21)

## It-Tlieta, 28 ta' Ottubru 2025

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-sala tal-Kunsill fid-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Dr. Rebecca Vella | Kunsilliera |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**21.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Elisa Buttigieg ġiet skuzata.

**21.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-Minuti tal-għoxrin il-laqgħa (20) Il-Ħamis 25 ta' Settembru 2025 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 20 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Rebecca Vella u Sekondant- Eucharist Camilleri.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjeġati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

**21.3. Informazzjoni dwar sitwazzjoni finanzjarja.**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw update fuq l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet il-bank u l-compliance audit.

Insurance u Risk Assesment fuq il-Binja tal-Latrina ta' San Blas, Halloween, 10k Run u l-Milied.

Skema Milied DLG, Santa's House minn Culture Fund (MGP) u Skema Eco Gozo fuq Sqaq Pjazzetta u Monument Ġnien Kunsill ġew kollha approvati.

Daħlu fondi tal-Milied u Karnival li għadda.

MOZZJONI imressqa mis-Sindku annessa mal-Minuti rigward Delegazzjoni f'Cicciano għal 25 Anniversarju tal-Gemillaġġ. Tħallsu spejjeż tal-Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv skond ċirkulari u kien hemm qbil li jitħallsu ukoll ta' Staff. Din il-Mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Kevin Curmi u kien hemm qbil mill-membri l-oħra kollha.

Kien hemm qbil li jsir kuntratt tal-lift minħabba ċertifikazzjoni bil-liġi li tkun mitluba minn OHSA.

MOZZJONI mressqa mis-Sindku rigward il-Kumitat tal-Finanzi:-

*Fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill Lokali tan-Nadur ma ghandux l-kontijiet tieghu b'aktar minn 10%, u peress li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali gibed l-attenzjoni li f'dan il-kaz irid jitwaqqaf Kumitat tal-*

*Finanzi, qieghed nitlob l-approvazzjoni tal-istess Kunsill Lokali sabiex ufficjalment jigi mwaqqaf dan il-Kumitat, li jopera fi hdan l-istess Kunsill, jiltaqa b'mod frekwenti, u jiddiskuti s-sitwazzjoni finanzjarja. Dan minkejja l-isforzi kollha li saru fis-snin li ghaddew sabiex nindirizzaw l-istess problema, minkejja l-mizuri stretti li ttiehdu fl-ahhar sena u nofs sabiex inlahhqu mal-ispejjez, u anke fid-dawl tal-fatt li l-finanzi tal-Kunsill ma jirriflettux id-domanda attwali fil-lokalita u lanqas in-necessitajiet tal-operat tal-lum il-gurnata.*

*Qed nitlob li l-Kumitat tal-Finanzi ikun maghmul minni bhala Sindku, mis-Segretarju Ezekuttiv, mill-Vici Sindku, mill-Minority Leader, u l-Accountant mqabbad mill-Kunsill.*

*Dan sabiex jigi sekondat u approvat.*

Din il-Mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Eucharist Camillieri u kien hemm qbil mill-membri l-oħra kollha.

**21.4. Administrative Report 2024**

**21.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

***Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.***

- Sindku :- Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma, maintenance tal-Gazebo tal-Ħali, zbir tal-Palm.
    - Viċi Sindku :- ħajt tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-Qadima, tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru, tinbidel siġra fil-Pjazza, pruning tal-Palm, tabella Daħlet Qorrot mooring u double yellow line fi Triq il-Qala c/w Triq il-Buskett.
    - Avv.Rebecca Vella :- Ma hemm xejn pendent.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Eucharist Camilleri :-Ma hemm xejn pendenti.
- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma u Rampa biex titranga fi Triq Wied Bingemma.

**Updates mill-Kunsilliera:**

**Sindku:**

- Sistema tal-Permessi- Kien hemm qbil li nibqew bl-istess Sistema li imbgħad niħdu refund lura minn naħa tad-DLG.
- Is-Sindku pprovda l-aħħar zviluppi dwar it-Torri ta' Kenuna u ħierga l-offerta għal Structural Engineer minn naħa tal-Ministeru għal Ghawdex u bħalissa għadu mgħaluq area.
- Drenaġġ San Blas- qed isir xogħol u dawn talbu laqgħa.
- Is-Sindku ta update fuq Triq Xandriku- qed isir gutter u wara isir it-tarmak.
- Is-Sindku ta update fuq Triq L-Emigranti – ser isir main ta' l-ilma u house connections.
- Attendant fil-Latrina l-ġdida ta' San Blas- IL-MGOP ma' għandhomx attendant. Il-Kunsill ser jara fuqa.
- Is-Sindku ipprovda update dwar Town Twinning EU funded u qed jiġi finalizzat programm.
- Korsijiet Pilates fix-xitwa- Dawn ser ikunu fully funded mill-parteċipanti u ser jkun hemm 2 sessions.
- Triq it-Tigrija- Is-Sindku talab laqgħa mal-MGOP.
- Tree planting fi Ġnien il-Kunsill mill-grupp Sigar- Pospost għal l-20 ta' Diċembru.
- Is-Sindku ta update fuq il-patches ta' DC Cocco Palmeri u tad-Duru.
- Kien hemm update post mortem tal-workshop tal-Karnival.
- Update fuq il-pannella u xogħol għal AED tal-Ħali.
- Iż-żebbuġ biex jinqata sena oħra ser jieħu ħsieb il-Kunsillier Jean Paul Portelli.
- Is-Sindku ta update fuq il-laqgħat li kellu mal-Bars tal-Pjazza.
- Kien hemm qbil li timxi il-mobile CCTV għal Pjazza temporarju.

**Kevin Curmi:**

- Reminder fuq temporary bulb ta' Triq Ħida.
- Fondi ta' Ġnien il-Kunsill kemm ngħatu l-aħħar dokumenti lil Co-financing.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Rebecca Vella:-

- Jitqassmu Rigali tat-tfal skola Primarja mill-grannies.
- Tat update fuq Explore Malta- historic sites tan-Nadur minħabba Application.
- Laqgħa oħra tal-Kunsill Tfal
- Talba biex tiġi imwaqqfa għalissa traffic management scheme u tibgħat formali għal extension fuqha.
- Ha tara fuq applikazzjoni oħra li inħarġet tat-Traffic management imma sadanitant inriedu inwaqqfu l-oħra.

**Eucharist Camilleri**

- Ta update fuq ic-Charter li ġejjin f'Novembru

Ġie approvat il-Programm finali tac-Charter li intbgħat lil Kunsilliera b'e mail formali. Kien hemm qbil bejn kullhadd.

**21.6. Korrispondenza**

Talba mingħand l-impjeġata skala 12 fejn infurmat li ser tieħu il-*maternity VL* f'Jannar u talbet sena *unpaid Vl* jew inkella 7 xhur u wara taħdem *reduced hours*. Kien hemm diskussjoni fit-tul peress li l-Kunsill nieqes minn reżorsi umani. Ma kienx hemm deċiżjoni finali mill-kunsill u s-Sindku qal li ser jara hu fuqa. Kien hemm biss qbil li jekk isir talba il quddiem bil-miktub għal *reduced hours* u jekk din it-talba tiġi aċċettata mill-Kunsill, il-ħinnijiet li jridu jinħadmu huma ta' filgħodu fir-*rush hour* u mhux wara nofsinhar.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Talba mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar kollaborazzjoni ta' proġett ta' tisbiħ tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl- Ma kienx hemm qbil fuq din peress li mhux attivitajiet kulturali.

Ittra mingħand MGOP dwar toroq li hemm bżonn isiru bl-asphalt- Kien hemm qbil li nibghatu fuq dawn it-toroq:-

Partijiet minn Triq tad-Duru

Parti minn Triq Cocco Palmeri

Partijiet minn Triq San Blas (dejjem jekk mhux ha issir mal-progett tat-Tigrija).

Triq San Koronatu

Parti minn Triq Lourdes

Parti minn Triq Arc Saver Cassar

Triq San Guzepp

Triq Hanaq

Triq Sopu

Triq Wied Rihan

Ittra rigward it-traffiku fi Triq Ħanaq- Kien hemm qbil li tintbgħat lil TM.

**21.7 Offerti Pubblici.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Ser jgħalqu il-kwotazzjonijiet taz-zewġ Garages f'Diċembru 2025. Kien hemm qbil li jingabru kwotazzjonijiet oħra.

**21.8. Progetti u skemi:**

**Fondi LESA ġodda-** Kien hemm diskussjoni fuq xiex jistgħu jiġu applikati. Ser naraw fuq Truck għal kunsill jew inkella l-belvedere tal-Gebel l-Aħmar.

**Skema LESA (Latrina San Blas)** u fondi DPF– Is-Sindku ta update fuq il-Latrina ta' San Blas. Is-Sindku spjega li ser ikun hemm varjazzjonijiet minhabba xoghol ta' installazzjoni ta' dawl u drenagg u li qed jahdem fuqha l-Perit u l-Engineer. Wara imbaghad issir talba lil DPF. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

**Triq ir-Ramla** - Kien hemm qbil li wara Triq Xandriku isir pjan.

**SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi** (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Qed nistennew risposta ta' DPF qabel nibdew.

**Skema TM**- Kien hemm qbil li nistennew wara li isir Triq it-Tigrija. Il-Kunsillier Dr. Rebecca Vella ser tibgħat għal extension fuq skema u jiġi imwaqqaf kollox għalissa.

**Proġett Pjazza** – Is-Sindku ta update dwar laqgħa li kellu ma' l-Ing.

**SPI.SCI.06.2025**- **Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (tal-Ħali)**- Qed nistennew minn naħa tad-DLG.

**SPI.SCI.07.25- Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'**(Tad-Duru). Qed nistennew minn naħa tad-DLG.

**LEADER-Xurdin-** Kien hemm qbil li jiġi diskuss wara l-festi.

**M3-Ġnien il-Kunsill**- Kien hemm qbil li jiġi diskuss wara l-festi.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

**21.9. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:**

Is-Sindku bgħat lis-segretarju Eżekuttiv u lill Kunsilliera l-attivitajiet ta' Novembru 2025 għal approvazzjoni:-

*Hawn taħt lista tal-attivitajiet marbuta ma Jum il-Kunsill 2025, liema attivitajiet diġa ġew maqbula mill-Kunsill f'laqghat preċedenti, u li ser jerġgħu jiġu pprezentati b'mod holistiku fil-laqgħa li jmiss.*

*Dan sabiex iservi t'a informazzjoni għal Kunsill, u anke sabiex ikun approvat uffiċjalment fit-totalita.*

*1-2 Novembru - Kors tas-Smid - Kors artistiku minn espert fil-platti tas-smid, fejn il-parteċipanti iħallsu mizata ta' €5 għal ispejjez. Il-Kunsill ikopri l-mizata tal-espert u fejn joqħod. Issir prezentazzjoni fl-aħħar.*

*2 Novembru - Sports Day - Dan ser jinzamm fil-grawnd Museum Subien, li jorganizzaw il-logistika kollha b'xejn. Il-Kunsill jipprovdi trofej għar-rebbieħa u medalja lil kulhadd. L-ilma huwa sponsored minn Dirjanu u l-isnack minn Kozmos.*

*13-17 Novembru - 25 Sena Gemellagg Cicciano - 105 ruh f'delegazzjoni ser ikunu Napli għal dan l-avveniment. L-ispejjeż tal-Kunsilliera u staff jiġu koperti kif ukoll xi rigali tal-okkżżjoni. Il-parteċipanti kollha l-oħra ser iħallsu l-ispejjeż huma.*

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

*22 Novembru - Ħarga Kulturali Tfal - Flimkien mal-għalliema u helpers, ser issir ħarga fejn it-tfal, 100 ruħ, izuru l-Mitħna tax-Xewkija, igawdu dawra fuq train u open top bus, u wara jaraw movie fic-Citadel Cinema. Din tiġi orġanizzata b'xejn għat-tfal. Lighthouse Supermarket se jagħti prezz speċjali għal popcorn u drink.*

*22 Novembru - Quddiesa - Din ser tinzamm fis-7pm fil-Knisja Bazilika, mmexxija mill-Arċipriet. Wara ikun hemm drinks tal-okkażżjoni.*

*27 Novembru - Ħarga tal-Anzjani - Ħarga li għaliha l-parteċipanti ser iħallsu mizata biex tkopri l-ikel. Il-Kunsill jipprovdi t-trasport.*

*29 Novembru - Gieħ in-Nadur - Serata li tinzamm fil-Grand Hotel u li fiha jiġu mogħtija l-premijiet kollha għas-sena 2025, u anke jiġi rikonoxxut ix-xogħol mwettaq mill-istess Kunsill fl-aħħar sena. Il-prezz tal-lukanda ikopri l-post, logistika, armar u l-ikel.*

Dawn kollha ġew approvati mill-membri kollha tal-Kunsill.

**Wine Fest** – Ser isir laqgħa ma' Delicata winery fil-5 ta' Novembru.

**Halloween** – Is-Sindku ta l-aħħar updates.

**Nadur 10K** – Is-Sindku ta update. Bħalissa għaddej reklamar u deħlin applikazzjonijiet.

San Martin- Din ser isir flimkien ma' l-iskola Primarja tan-Nadur.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

**Milied -**

**Kors tas-smid-** Ma kienx hemm bizzejjed applikanti u allura mhux ser isir.

**Gieħ Nadur- 29 ta' Novembru**. Ġie diskuss l-programm. Kien hemm qbil li jingħata token ta' apprezzamnet lil ex-ambaxxatur zgħazagħ u lil community police.

**Karnival 2026**- Is-Sindku ta update fuq il- laqgħa ma' l-isptar ta' Għawdex, ta update fuq G7, applikazzjonijiet tal-Karnival orġanizzat online, laqgħa f'Jannar mal-Pulizija u ġie diskuss ukoll way forward fuq il-karrijiet.

21.10. **Materji oħra:**

Is-Sindku għamel proposta biex il-quddiem tingħata Ċittadinanza Onorarja lis-Sindku ta' Cicciano-Guzeppi Caccavale. Il-Kunsillier Eucharist Camilleri astjena u kien hemm qbil bejn il-membri l-oħra.

**20.11.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;**

**20.11.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:- -**

Talba biex jitranga taht bankina f'Wied Rihan.

Talba għal sement f'passaġġ f'Għajn Qasab.

Talba biex jitranga ħajt f'San Blas

Talba biex titranga rampa f'Bingemma

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Talba għal patching tad-Duru lejn il-Wied

Talba għal yellow line magenb garage f'San Gakbu

Talba għal yellow line tad-Duru

Talba biex jiċċaqlaq disabled parking minn that iz-zuntier

Talba għal Communal fi Triq il-Buskett

Talba għal Bozza fi Sqaq San Blas

**20.11.2.Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi:-**

Talba biex titranga l-letter box fi Triq San Blas

Mera biex titranga fi Triq Duru

**20.11.3.Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri**

Talba biex titnaddaf il-gutter fi Triq ta' Said

Nitkbu formali lil TM rigward Triq  Duru c/w Triq St Coronatu

Talba għal reklam tal-Kunsill fil-kalendarju ta' Nadur youngsters FC.

**21.12 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fis 7:30pm. Laqgħa li jmiss ser tiġi diskussa data l quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva